MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2007

Numru 367/2003

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Harold Vella

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Harold Vella detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 606648(M), akkuzat talli fil-15 ta’ Ottubru, 2001 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel din id-data gewwa l-Isptar San Luqa, Pieta jew fi bnadi ohra:

a) ta ordni lill-haddiehor biex jaghmel delitt, jew (b) geghel li jsir b’mezz ta’ rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew ghemil qarrieqi, inkella b’abbuz ta’ awtorita’ jew setgha, inkella ta’ istruzzjonijiet lil Lorenza Farrugia sabiex bil-mezz ta’ karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk

iffirmata bl-isem tieghu innifsu, jew b'isem mahluq, hedded lil Helen Zammit b'xi delitt u dan bi ksur ta' l-Artikolu 42(a)(b)(d) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna l-hati li jgib pleggerija jew jaghti l-obbligazzjoni imsemmija fl-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat ukoll l-atti tal-kawza li giet ammessa l-esebizzjoni taghha deciza fis-27 ta' Novembru, 2001.

Ikkonsidrat:

Illi l-akkuzi kontra l-imputat jippotizzaw ir-reat ta' komplicita' fir-reat ta' theddid permezz ta' karta kif provdut fl-Artikolu 249(1) tal-Kap 9.

Il-fatti fil-qosor jirrizultaw li huma illi f'xi perjodu fis-sena 2001 l-imputat, li kien hawnhekk beda jiffrekwenta il-kwerelanta, kien kitbilha xi ittri, anka permezz ta' certa Lorenza Farrugia. Kontra din l-ahhar imsemmija kienu anke ttiehdu proceduri kriminali u kienet instabet hatja izda illiberata taht l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat ghall-perjodu ta' sentejn.

Huwa issa minnu li l-atti ta' dawk il-proceduri gew annessi f'din il-kawza izda ghandu jkun car ukoll illi apparti d-dokumenti sakemm pertinenti ghal din il-kawza u li taghhom saret espressa riferenza, ix-xhieda li torbot ghal finijiet ta' din il-kawza hi dik li giet prodotta u li nstemghet viva voce minn dina l-Qorti.

Illi l-Artikolu 249(1) fuq citat jipprovdi testwalment illi:

“(1) Kull min bil-mezz ta’ karta miktuba, sew jekk anonima, kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b’isem mahluq, jhedded lil haddiehor b’xi delitt…. omissis…

Illi ghalkemm jirrizulta li huwa veru li l-imputat kien kiteb xi ittri lill-kwerelanta anka permezz tal-imsemmija Lorenza Farrugia minn imkien pero’ ma jirrizulta li kien hemm xi theddid b’xi delitt. Dan almenu ma jirrizulta la mill-proceduri odjerni u lanqas minn dawk kontra Farrugia u dan sakemm jikkoncerna l-imputat. Din il-Qorti, frankament, mill-ittri li ezaminat fiz-zewg processi assolutament ma rrijavisatx lanqas tracci ta’ theddid lil haddiehor kif jirrikjedi l-Artikolu 249(1).

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi billi mhux qeghdha tara li l-akkuzi gew pruvati qeghdha tillibera lill-imputat minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------